Minuti tal-Laqgħa Nru. 1 tal-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal-Farruġ fil-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Gimgħa, 9 ta' Lulju 2010 fil-5.00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Ic-Chairperson | Is-Sur Raymond Saliba |
| Il-Viċi Chairperson | Is-Sur Gejtu Calleja |
| Il-Membri | Is-Sur Kerstin Gatt<br>Is-Sur Martin Borg |
| **Skużat** | Is-Sur Raymond Ellul |
| Preżenti wkoll | Is-Sur John Schembri - Sindku |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Noel Cini |

## AĠENDA

1. Introduzzjoni
2. Diskors miċ-Chairperson
3. Hwejjeġ Oħra
4. Aġġornament

1. INTRODUZZJONI

Fetaħ il-laqgħa s-Sindku billi feraħ lil membri eletti fuq il-Kumitat Amministrattiv għall-komunita` ta' Ħal-Farruġ. Is-Sindku weigħed ukoll l-għajnuna kollha possibbli kemm tiegħu personali kif ukoll tal-Kunsill Lokali ta' Ħal-Luqa.

2. DISKORS MIC-CHAIRPERSON

Iċ-Chairperson, is-Sur Saliba qal li kien ċert li l-Kumitat Amministrattiv kien ser jħhdem id f' id mal-Kunsill Lokali għal ġid ta' Ħal-Farruġ. Qal ukoll li issa kien iż-żmien li naraw x' finanzi hemm allokalti għaż-żona ta' Ħal-FarruĠ kif ukoll naraw x' kienu l-bżonnijiet ta` Ħal-Farruġ.

3. HWEJJEG OHRA

Wara dan tqajjmu diversi punti minn dawk preżenti fosthom dwar il-kumpless sportiv mill-Valletta FC li qed ikun propost li jsir fiż-żona ta' Ħal-Farruġ u dwar il-possibilta` li jinkera xi garaxx jew xi post ieħor sabiex fih ikunu jistgħu jiltaqgħu b' mod informali l-membri tal-Kumitat Amministrattiv.

4. AGGORNAMENT

Wara dawn l-aġent Segretarju Eżekuttiv qassam kopji tal-memos maħruġa mill-1 ta' Lulju 2010 'il quddiem kif ukoll ta l-invit għaċ-ċerimonja tal-għoti tal-ittra tal-ħatra lill-membri tal-Kumitat Amministrattiv li kienet ser issir fil-Berġa ta' Kastilja.

Konfermati llum ________________________ 2010.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Raymond Saliba | Noel Cini |
| Chairperson | Aġent Segretarju Eżekuttiv |